MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 84/2007

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru**
**Numru 52/2007 fl-ismijiet:**

**Pirella Supermarkets Limited (C13427)**
**-vs-**
**Sisa Malta Limited (C33305)**

**Il-Qorti**

Rat r-rikors tas-socjeta' Sisa Malta Limited li bih talbet li jigi revokat il-mandat ta' sekwestru 52/07 u subordinatament u minghajr pregudizzju jekk il-Qorti tiddeciedi li l-mandat ghandu jibqa' jinzamm *in vigore*, tirrevoka l-mandat in parti fis-sens li tordna li l-HSBC Bank plc u l-Bank of Valletta plc jiddepozitaw bejniethom is-somma ta' Lm47,200, u li l-mandat jopera biss fuq din

is-somma u jigi revokat ghall-kumplament ta’ l-ammonti mizmuma ghand il-banek u l-Kontrollur tad-Dwana.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li wiegbu li t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u l-mandat ghandu jigi konfermat.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Is-socjeta’ rikorrenti qed tissottometti li l-mandat in kwistjoni m’ghandux jibqa’ fis-sehh a termini ta’ l-artikolu 836 tal-Kap 12 billi la huwa necessarju u lanqas ragjonevoli ghas-segwenti ragunijiet:

Is-socjeta’ Pirella Supermarkets Ltd harget il-mandat ta’ sekwestru msemmi fuq is-somma ta’ Lm47,200 ghal kera dovuta u Vat fuq il-kirja tal-post. Min naha l-ohra l-istess socjeta’ Pirella Supermarkets Ltd hija debitrici tas-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ Lm83,809 rapprezentanti diversi fornituri maghmula mis-socjeta’ rikorrenti lis-socjeta’ intimata meta dina kienet topera (ara Dok SM1 fol 3). Ghalhekk jekk l-ammont pretiz mis-socjeta’ intimata hu dovut, hi ghandha f’idejha sigurta’ sufficjenti operanti tramite tpacija. Inoltre skond id-dok SM 2 a fol 6 is-socjeta intimata ssekwestrat b’kollox is-somma ta’ Lm76,896 ammont ferm superjuri ghal dak reklamat. Apparti dan jista’ jkun hemm xi flejjez u affarijiet ohra maqbuda f’idejn il-Kontrollur tad-Dwana.

Is-socjeta’ intimata wiegbet li l-ammont reklamat hu dovut a termini tal-Kuntratt ta’ kiri u senjatament klawzola 9.01b u s-socjeta’ rikorrenti kienet giet avvertita bil-miktub dwar l-ammont li kien skada u sar dovut. L-ammont ta’ kera reklamat mhux soggett ghal tpacija skond l-artikolu 3.01 ta’ l-istess kuntratt. Inoltre l-ammont ta’ Lm82,809 reklamat mir-rikorrenti qed jigi kontestat mis-socjeta’ intimata.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li prima facie kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimati ghandhom pretenzjonijiet kontra xulxin u dawk tar-rikorrenti jidhru li huma akbar minn dawk ta' l-intimati. Il-kontestazzjoni li l-partijiet ghandhom fuq l-ammonti mitluba fit-talbiet taghhom mhux mertu ta' dawn il-proceduri.

Jirrizulta inoltre li bil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni nqabdu flus eccedenti l-ammont reklamat mill-intimati.

In vista ta' dana l-Qorti hi tal-fehma li fil-waqt li l-mandat ta' sekwestru ghandu jibqa' in vigore izda dana biss sa l-ammont reklamat u l-qbija ghandu jigu mehlus mill-effetti tal-mandat u l-partijiet ghandhom jirregolaw ruhhom f'dan is-sens mal-banek u mal-Kontrollur tad-Dwana.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------